Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/72/PESK

tal-31 ta' Jannar 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

(ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/79/PESK tal-4 ta' Frar 2011	L 31	40	5.2.2011
►M2	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/50/PESK tas-27 ta' Jannar 2012	L 27	11	31.1.2012
►M3	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/724/PESK tas-26 ta' Novembru 2012	L 327	45	27.11.2012
►M4	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2013	L 32	20	1.2.2013
►M5	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/409/PESK tat-30 ta' Lulju 2013	L 204	52	31.7.2013
►M6	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/49/PESK tat-30 ta' Jannar 2014	L 28	38	31.1.2014
►M7	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/157 tat-30 ta' Jannar 2015	L 26	29	31.1.2015
►M8	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/119 tat-28 ta' Jannar 2016	L 23	65	29.1.2016
►M9	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/153 tas-27 ta' Jannar 2017	L 23	19	28.1.2017
►M10	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/141 tad-29 ta' Jannar 2018	L 25	38	30.1.2018
►M11	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/135 tat-28 ta' Jannar 2019	L 25	23	29.1.2019
►M12	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/117 tas-27 ta' Jannar 2020	L 22	31	28.1.2020
►M13	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/55 tat-22 ta' Jannar 2021	L 23	22	25.1.2021
►M14	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/118 tas-27 ta' Jannar 2022	L 19	67	28.1.2022
►M15	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/154 tat-3 ta' Frar 2022	L 25	18	4.2.2022
►M16	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1367 tal-4 ta' Awwissu 2022	L 205	276	5.8.2022
►M17	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2086 tas-27 ta' Ottubru 2022	L 280	47	28.10.2022
►M18	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/159 tat-23 ta' Jannar 2023	L 22	18	24.1.2023
►M19	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2686 tas-27 ta' Novembru 2023	L 2686	1	28.11.2023
►M20	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/421 tad-29 ta' Jannar 2024	L 421	1	30.1.2024
►M21	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2664 tat-8 ta' Ottubru 2024	L 2664	1	9.10.2024
►M22	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/155 tas-27 ta' Jannar 2025	L 155	1	28.1.2025
►M23	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/239 tad-29 ta' Jannar 2026	L 239	1	30.1.2026

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/72/PESK

tal-31 ta' Jannar 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

Artikolu 1

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta, miżmuma jew ikkontrollati minn persuni responsabbli għal misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Tuneżin, u persuni jew entitajiet fiżiċi jew ġuridiċi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku m'għandu jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni jew entitajiet fiżiċi jew ġuridiċi elenkati fl-Anness.

▼M15

2a. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, fil-każ tal-mewt ta' persuna elenkata fl-Anness:

(a) meta tkun ingħatat kundanna kriminali għal miżappproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat kontra dik il-persuna qabel il-mewt tagħha, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom ikomplu jiġu ffriżati sakemm l-ordnijiet tal-qorti għall-irkupru tal-fondi tal-Istat miżappproprjati u l-ħlas ta' multi jkunu ġew eżegwiti;

(b) meta ma tkun ingħatat l-ebda kundanna kriminali bħal din kontra dik il-persuna qabel il-mewt tagħha, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom ikomplu jiġu ffriżati għal perijodu ta' żmien raġonevoli, soġġett għall-paragrafu 4. Jekk azzjoni ċivili jew amministrattiva għall-irkupru ta' fondi tal-Istat miżappproprjati titressaq f'dak il-perijodu, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom jibqgħu ffriżati sakemm tali azzjoni tiġi miċħuda jew, jekk tintlaqa', sakemm tiġi eżegwita l-ordni tal-qorti għall-irkupru tal-fondi miżappproprjati.

2b. Il-Kunsill għandu jemenda l-lista fl-Anness kif meħtieġ ladarba jistabbilixxi li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2a għaż-żamma tal-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lill-persuna mejta jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha m'għadhomx jiġu ssodisfati.

▼B

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familja dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew dejn, mediċini u kura medika, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż magħmula li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

▼B

(c) maħsubin esklussivament għall-pagament ta’ miżati jew ħlasijiet għal servizzi għaż-żamma jew manteniment ta’ rutina ta’ fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

▼M3

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jkunu ssodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data meta l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 1 ġie elenkat fl-Anness jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva meħuda fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklużivament biex jissodisfaw pretensjonijiet ggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stipulati fil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li għandhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni mhix għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dan il-paragrafu.

5. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għal din id-Deċiżjoni; jew

(c) ħlasijiet dovuti taħt deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija fl-Unjoni jew infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat,

dment li tali imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

▼M19

6. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment, l-ipproċessar jew il-pagament ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew għall-forniment ta' oġġetti u servizzi li huma meħtieġa biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jappoġġaw attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fejn tali assistenza u attivitajiet oħra jitwettqu minn:

(a) in-Nazzjonijiet Uniti (NU), inkluż il-programmi, il-fondi u entitajiet u korpi oħra tagħha, kif ukoll l-aġenziji speċjalizzati u l-organizzazzjonijiet relatati tagħha;

(b) organizzazzjonijiet internazzjonali;

(c) organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-NU u membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet umanitarji;

(d) organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati bilateralment jew multilateralment li jipparteċipaw fil-Pjanijiet ta' Rispons Umanitarju tan-NU, il-Pjanijiet ta' Rispons għar-Refuġjati tan-NU, appelli oħra tan-NU jew raggruppamenti umanitarji kkoordinati mill-Uffiċċju tan-N U għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji;

(e) organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tkun tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja jew li jkunu ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru f'konformità ma' proċeduri nazzjonali;

(f) aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri; jew

(g) l-impjegati, il-benefiċjarji, is-sussidjarji jew is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) waqt li u sakemm ikunu qed jaġixxu f'dawk il-kapaċitajiet.

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6 u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-forniment ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huwa meħtieġ biex jiġi żgurat it-twassil fil-ħin ta' assistenza umanitarja jew għall-appoġġ ta' attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem.

8. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva, talba għall-informazzjoni jew notifika għal iktar żmien mill-awtorità kompetenti rilevanti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 7, dik l-awtorizzazzjoni għandha titqies li ngħatat.

9. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafi 7 u 8 fi żmien erba' ġimgħat minn tali awtorizzazzjoni.

▼B

Artikolu 2

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi u jemenda l-lista li tinsab fl-Anness.

▼B

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna jew l-entità kkonċernata, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna jew entità jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew entità skont il-każ.

Artikolu 3

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuni u entitajiet.

2. L-Anness għandu jkun fih ukoll, meta tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni jew entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inkluż il-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 4

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri msemmija hawn fuq, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

▼M20

Artikolu 5

▼M22

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-►M23 31 ta' Jannar 2027 ◄.

▼M20

2. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Tista' tiġġedded jew tiġi emendata, skont il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

▼M21

3. L-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 1(6) u (7) fir-rigward tal-Artikolu 1(1) u (2) għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari, u mill-inqas kull 12-il xahar, jew fuq talba urġenti minn kwalunkwe Stat Membru, mir-Rappreżentant Għoli, jew mill-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.

▼B

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

▼M12

ANNESS

A. Lista ta’ persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Zine El Abidine Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Post tat-twelid: Hammam-Sousse Data tat-Twelid: 3 ta’ Settembru 1936 Nazzjonalità: Tuneżina Nru tal-ID: 00354671 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, ex President tat-Tuneżija, iben Selma HASSEN, miżżewweġ lil Leïla TRABELSI	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta’ rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini fir-rigward tal-miżappoprijazzjoni ta’ fondi pubbliċi minn detentur ta’ kariga pubblika, abbuż mill-kariga minn detentur ta’ kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta’ influwenza ħażina fuq detentur ta’ kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra u għar-reat ta’ riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta’ fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta’ membri tal-familja tiegħu.
2.	Leïla Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 24 ta’ Ottubru 1956 Nru tal-ID: 00683530 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Zine El Abidine BEN ALI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta’ rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-miżappoprijazzjoni ta’ fondi pubbliċi minn detentur ta’ kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta’ kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta’ influwenza ħażina fuq detentur ta’ kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta’ riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta’ fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta’ membri tal-familja tiegħu.
▼M18			
3.	Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-twelid: 4 ta’ Marzu 1944 Nru tal-ID: 05000799 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, direttur maniġerjali, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Yamina SOUIEI	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta’ rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f’miżappoprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi minn detentur ta’ kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta’ kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta’ influwenza ħażina fuq detentur ta’ kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
▼M17 ———			
▼M12 5.	Fahd Mohamed Sakher Ben Moncef Ben Mohamed Hfaiez MATERI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 2 ta' Diċembru 1981 Nru tal-ID:04682068 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: iben Naïma BOUTIBA, miżżewweġ lil Nesrine BEN ALI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (l-ex President Ben Ali) biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika (l-ex President Ben Ali) bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
6.	Nesrine Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 16 ta' Jannar 1987 Nru tal-ID:00299177 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Leïla TRABELSI, miżżewġa lil Fahd Mohamed Sakher MATERI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
▼M14 7.	Halima Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-twelid: 17 ta' Lulju 1992 L-aħħar indirizz magħruf: il-Palazz Presidenzjali, Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID: 09006300 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Leïla TRABELSI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u assoċjata ma' Leila Trabelsi (Nru 2).
▼M12 8.	Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 5 ta' Novembru 1962 L-aħħar indirizz magħruf: 32 rue Hédi Karray — El Menzah — Tunis, Tunisia Nru tal-ID:00777029 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: direttur maniġerjali, iben Saida DHERIF	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
▼M18 9.	Mohamed Naceur Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-twelid: 24 ta' Ġunju 1948 L-aħħar indirizz magħruf: 20 rue El Achfat – Carthage – Tunis, Tunisia Nru tal-ID: 00104253 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, aġent maniġer ta' impriża agrikola, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Nadia MAKNI	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
10.	Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Radès Data tat-Twelid: 19 ta' Frar 1953 L-aħħar indirizz magħruf: 21 rue d'Aristote — Carthage Salammbô Nru tal-ID:00403106 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: direttur maniġerjali, bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Mohamed MAHJOUB	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
11.	Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 26 ta' Awwissu 1974 L-aħħar indirizz magħruf: 124 avenue Habib Bourguiba - Carthage presidence Nru tal-ID:05417770 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: negozjant, iben Najia JERIDI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
▼M18 12.	Mohamed Adel Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-twelid: 26 ta' April 1950 Nru tal-ID: 00178522 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, direttur maniġerjali, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Souad BEN JEMIA	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M18

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
13.	Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-twelid: 25 ta' Settembru 1955 L-aħħar indirizz magħruf: 20 rue Ibn Chabat – Salammbô – Carthage –Tunis, Tunisia Nru tal-ID: 05150331 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Hela BELHAJ	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżappproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M20

———

▼M12

15.	Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed MEHERZI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: La Marsa Data tat-Twelid: 5 ta' Mejju 1959 L-aħħar indirizz magħruf: 4 rue Taoufik EI Hakim — La Marsa Nru tal-ID: Nru tal-ID:00046988 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Fatma SFAR, miżżewweġ lil Samira TRABELSI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżappproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
16.	Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-Twelid: 1 ta' Frar 1960 L-aħħar indirizz magħruf: 4 rue de la Mouette — Gammarth Supérieur , Nru tal-ID:00235016 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Habib ZAKIR	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
17.	Habib Ben Kaddour Ben Mustapha BEN ZAKIR	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-Twelid: 5 ta' Marzu 1957 L-aħħar indirizz magħruf: 4 rue Ennawras — Gammarth Supérieur Nru tal-ID:00547946 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: żviluppatur tal-proprjetà, iben Saida BEN ABDALLAH, miżżewweġ lil Nefissa TRABELSI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M21

———

▼M23

———

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
20.	Mourad Ben Hédi Ben Ali MEHDOUI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 3 ta' Mejju 1962 L-aħħar indirizz magħruf: 41 rue Garibaldi — Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID:05189459 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Neila BARTAJI, miżżewweġ lil Lilia NACEF	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M21

———

▼M13

———

▼M23

———

▼M12

25.	Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah CHIBOUB	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-Twelid: 13 ta' Jannar 1959 L-aħħar indirizz magħruf: rue du Jardin — Sidi Bousaid — Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID:00400688 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Leïla CHAIBI, miżżewweġ lil Dorsaf BEN ALI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (l-ex President Ben Ali) biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M20

———

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
▼M23 ———			
▼M12 30.	Slim Ben Mohamed Salah Ben Ahmed ZARROUK	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 13 ta' Awwissu 1960 L-aħħar indirizz magħruf: 49 avenue Habib Bourguiba — Carthage Nru tal-ID:00642271 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Maherzia GUEDIRA, miżżewweġ lil Ghazoua BEN ALI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
31.	Farid Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Hammam-Sousse Data tat-Twelid: 22 ta' Novembru 1949 L-aħħar indirizz magħruf: 11 rue Sidi el Gharbi — Hammam-Sousse Nru tal-ID:02951793 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: fotografu għall-istampa fil-Ġermanja, iben Selma HASSEN	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
32.	Faouzi Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Hammam-Sousse Data tat-Twelid: 13 ta' Marzu 1947 L-aħħar indirizz magħruf: rue El Moez — Hammam-Sousse Nru tal-ID:02800443 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: direttur maniġerjali, mejjet. miżżewweġ lil Zohra BEN AMMAR	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
33.	Hayet Bent Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Hammam-Sousse Data tat-Twelid: 16 ta' Mejju 1952 L-aħħar indirizz magħruf: 17 avenue de la République.- Hammam-Sousse Nru tal-ID:02914657 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: rappreżentanta ta' Tunisair, bint Selma HASSEN, miżżewġa lil Fathi REFAT	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
34.	Najet Bent Haj Hamda Ben Raj Hassen BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Sousse Data tat-Twelid: 18 ta' Settembru 1956 L-aħħar indirizz magħruf: avenue de l'Imam Muslim-Khezama ouest-Sousse Nru tal-ID: 02804872 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: manager ta' kumpannija, bint Selma HASSEN, miżżewġa lil Sadok Habib MHIRI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
▼M18			
35.	Slaheddine Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-twelid: 28 ta' Ottubru 1938 Nru tal-ID: 02810614 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, iben Selma HASSEN, armel ta' Selma MANSOUR	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
▼M17			
———			
▼M12			
40.	Douraied Ben Hamed Ben Taher BOUAOUINA	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Hammam-Sousse Data tat-Twelid: 8 ta' Ottubru 1978 L-aħħar indirizz magħruf: 17 avenue de la République — Hammam-Sousse Nru tal-ID:05590835 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: direttur ta' kumpannija, iben Hayet BEN ALI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
▼M13 ———			
▼M18 42.	Ghazoua Bent Hamed Ben Taher BOUAOUINA	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Monastir Data tat-twelid: 30 ta' Awwissu 1982 Nru tal-ID: 08434380 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Hayet BEN ALI, miżżewġa lil Badreddine BENNOUR	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u assoċjata ma' Hayet Ben Ali (Nru 33).
▼M17 ———			
▼M16 ———			
▼M18 46.	Mehdi Ben Tijani Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina, Franċiża Post tat-twelid: Pariġi, Franza Data tat-twelid: 27 ta' Ottubru 1966 Nru tal-ID: 05515496 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, direttur ta' kumpannija, iben Paulette HAZAT	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (l-ex President Ben Ali) biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
▼M13			
▼M18			
48.	Sofiene Ben Habib Ben Haj Hamda BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-twelid: 28 ta' Awwissu 1974 L-aħħar indirizz magħruf: 23 rue Ali Zlitni, El Manar 2-Tunis, Tunisia Nru tal-ID: 04622472 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, direttur tal-bejgħ, iben Leila DEROUICHE	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M12

B. Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont il-liġi Tuneżina:

Id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

Jirriżulta mill-Artikoli 20, 27, 29 u 108 tal-Kostituzzjoni Tuneżina, l-Artikoli 13, 47, 50, 59, 66 u175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u mil-Liġi Nru 2002-52 tat-3 ta' Ġunju 2002 li d-drittijiet li ġejjin huma garantiti skont il-liġi Tuneżina:

— lil kwalunkwe individwu suspettat li wettaq reat kriminali jew akkużat bih:

1. id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju ta' kwalunkwe att jew deċiżjoni amministrattiva;

2. id-dritt li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed biex iħallas għall-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

— lil kwalunkwe individwu akkużat b'reat kriminali:

1. id-dritt li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;

2. id-dritt li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

3. id-dritt li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kondizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

4. id-dritt li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.

L-applikazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

▼M23

1. Zine El Abidine Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li qabel mewtu, inħatar avukat mill-Qorti biex jiddefendi l-interessi tas-Sur Zine El Abidine Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali meta ġie pproċessat in absentia; fil-kawża 24310, tnejn mill-werrieta tas-Sur Zine El Abidine Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali kienu rappreżentati minn avukat; fl-2025 il-Qorti ddeċidiet fl-ewwel istanza, fil-kawża 24310, favur il-werrieta tas-Sur Ben Ali.

▼M12

2. Leïla Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija. L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li waqt il-proċess *in absentia* nħatar avukat mill-Qorti biex jiddefendi l-interessi tas-Sa Trabelsi.

▼**M23**

3. Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li qabel mewtu, fil-5 ta' Marzu 2012, is-Sur Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; inħatar avukat biex jirrappreżenta lill-werrieta tas-Sur Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi fl-azzjoni ċivili kontrihom fil-kawża 9058; fl-2025, il-Qorti ddeċidiet fl-ewwel istanza, fil-kawża 9058, favur il-werrieta tas-Sur Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi.

▼**M17**

_____

▼**M12**

5. Fahd Mohamed Sakher Ben Moncef Ben Mohamed Hfaiez EL MATERI

Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija. L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi ew assi pubbliċi għadhom għaddejjin.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li waqt il-proċess *in absentia* nħatar avukat mill-Qorti biex jiddefendi l-interessi tas-Sur Materi.

6. Nesrine Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI

Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija. L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li waqt il-proċess *in absentia* s-Sa Ben Ali kienet irrappreżentata minn avukat.

▼**M23**

7. Halima Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI

Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija. L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li s-Sa Halima Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda Ben Ali, irrappreżentata mill-avukat tagħha, appellat is-sentenza 1850 tal-25 ta' Jannar 2021; il-Qorti, fl-2022 ċaħdet, fl-ewwel istanza fil-kawża 32265, azzjoni ċivili kontra s-Sa Halima Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda Ben Ali.

8. Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija. L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin.

▼**M23**

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, b'impenn bil-miktub li sar mill-awtoritajiet Tuneżini lill-awtoritajiet Żvizzeri fis-7 ta' April 2014, fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' ittra rogatorja, li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tas-Sur Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi u d-drittijiet tad-difiża tiegħu; mill-fatt li, matul il-proċessi in absentia, is-Sur Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi kien rappreżentat minn avukat. Barra minn hekk, dan jidher mill-fatt li s-Sur Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi, permezz tal-avukat tiegħu, eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella s-sentenzi 869/32 tal-24 ta' Novembru 2021 u s-sentenza 1134 tal-20 ta' Mejju 2023.

9. Mohamed Naceur Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li qabel mewtu, is-Sur Mohamed Naceur Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu fit-13 ta' Marzu 2012 u s-16 ta' Marzu 2012.

10. Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fil-5 ta' Jannar 2012, il-5 ta' Lulju 2012 u s-27 ta' Frar 2013 is-Sa Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma Trabelsi nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha; Is-Sa Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma Trabelsi, permezz tal-avukat tagħha, eżerċitat id-drittijiet tad-difiża tagħha billi appellat sentenza tal-ewwel istanza fl-2025.

11. Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fis-27 ta' Ottubru 2016 is-Sur Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed Trabelsi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2025, is-Sur Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed Trabelsi, permezz tal-avukat tiegħu, eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella sentenza tal-qorti tal-kassazzjoni (kawża nru 21775).

12. Mohamed Adel Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI

Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija. L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li l-werrieta tas-Sur Mohamed Adel Ben Mohamed Ben Rehouma Trabelsi ħatru avukat biex jiddefendihom fl-azzjoni ċivili kontrihom (kawża nru 9099).

▼**M23**

13. Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-23 ta' Frar 2012, qabel mewtu, is-Sur Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma Trabelsi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; il-werrieta tas-Sur Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma Trabelsi ħatru avukat biex jiddefendihom fl-azzjoni ċivili pendenti kontrihom (kawża nru 16277).

▼**M20**

_____

▼**M23**

15. Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed MAHERZI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fl-20 ta' Awwissu 2011 u t-2 ta' Ottubru 2012 u l-31 ta' Mejju 2013, is-Sur Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed Maherzi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukati tiegħu; fl-2025, is-Sur Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed Maherzi, permezz tal-avukat tiegħu, eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella sentenza tal-ewwel istanza (kawża nru 51174).

16. Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fl-24 ta' Jannar 2012, is-Sa Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma Trabelsi nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha; fl-2018, is-Sa Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma Trabelsi eżerċitat id-drittijiet tad-difiża tagħha billi appellat sentenza tal-ewwel istanza (kawża nru 35666).

17. Habib Ben Kaddour Ben Mustapha BEN ZAKIR

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fl-24 ta' Jannar 2012, is-Sur Habib Ben Kaddour Ben Mustapha Ben Zakir instema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; Is-Sur Habib Ben Kaddour Ben Mustapha Ben Zakir kien rappreżentat minn avukat fl-azzjoni kriminali pendenti kontrih u permezz tal-avukat tiegħu eżerċita d-drittijiet ta' difiża tiegħu billi appella deċiżjonijiet tal-maġistrat istruttur.

▼**M21**

_____

▼**M23**

_____

20. Mourad Ben Hédi Ben Ali MEHDOUI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-13 ta' Frar 2012 is-Sur Mourad Ben Hédi Ben Ali Mehdoui nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2019, is-Sur Mourad Ben Hédi Ben Ali Mehdoui eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella sentenza tal-ewwel istanza (kawża nru 41245).

▼**M21**

_____

▼**M13**

_____

▼**M23**

_____

25. Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah CHIBOUB

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji jew fil-proċess ta' rkupru tal-assi li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li (i) fl-24 ta' Novembru 2014, it-12 ta' Jannar 2015, l-10 ta' April 2015 u t-2 ta' Diċembru 2015, is-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub instema' fuq diversi kawżi minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukati tiegħu; (ii) l-investigazzjoni kontra s-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub fil-Kawża 27638/6 intemmet fit-30 ta' Marzu 2018 minħabba nuqqas ta' evidenza u d-deċiżjoni li tintemm l-investigazzjoni ġiet ikkonfermata aktar tard fl-appell; u (iii) is-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub kien assistit minn avukat matul il-proċedimenti ta' arbitraġġ quddiem il-Kumitat tal-Arbitraġġ tal-Instance de la Vérité et de la Dignité (IVD). Fil-15 ta' Frar 2021 u l-10 ta' Marzu 2021, is-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub instema' minn maġistrat istruttur fil-kawża 19592/1. Fil-31 ta' Marzu 2021, l-imħallef inkwirenti ddeċieda li jaqtal-kawża tiegħu mill-kawża ġenerali 19592/1. Il-kawża 1137/2 għadha pendenti. Dan jidher ukoll mill-fatt li fl-2025 is-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub ressaq appell kontra s-sentenza 36166.

▼**M20**

_____

▼**M23**

_____

30. Slim Ben Mohamed Salah Ben Ahmed ZARROUK

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. Wara r-rikors tas-Sur Zarrouk, il-Kumitat tal-Arbitraġġ tal-Instance de la Vérité et de la Dignité (IVD) ta d-deċiżjoni ta' arbitraġġ li ġiet ikkonfermata mill-Conseil de l'IVD fl-24 ta' Diċembru 2018. Din id-deċiżjoni ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Il-kawża għadha pendenti. Sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Tuneż bid-data tal-15 ta' April 2021 fil-kawża 29443 ikkundannatu għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji jew fil-proċess ta' rkupru tal-assi li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fis-16 ta' Jannar 2012, l-1 ta' Frar 2012 u t-22 ta' Ġunju 2017, is-Sur Slim Ben Mohamed Salah Ben Ahmed Zarrouk instema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2023, is-Sur Slim Ben Mohamed Salah Ben Ahmed Zarrouk kien rappreżentat minn avukat fil-kawża 37344.

31. Farid Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. Sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Tuneż bid-data tal-1 ta' Novembru 2018 fil-kawża 27658 ikkundannatu għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-3 ta' Ottubru 2011, is-Sur Farid Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2019, is-Sur Farid Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali permezz tal-avukat tiegħu, eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella s-sentenza ta' kundanna datata l-1 ta' Novembru 2018 fil-kawża 27658 u sussegwentement kien rappreżentat minn avukat fil-kawża 82970.

32. Faouzi Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. Il-Kunsill ma sab l-ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Faouzi Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali ma kinux rispettati.

33. Hayet Bent Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li fid-19 ta' Ottubru 2011, is-Sa Hayet Bent Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha. Sentenza bid-data tal-14 ta' Marzu 2019 fil-kawża 40800 ikkundannatha għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija, għalhekk is-sentenza kontriha ngħatat in absentia.

▼M23

34. Najet Bent Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. Sentenza bid-data tas-7 ta' Jannar 2016 fil-kawża 28264 ikkundannatha għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fil-21 ta' Novembru 2011 is-Sa Najet Bent Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha.

35. Slaheddine Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-13 ta' Jannar 2012, is-Sur Slaheddine Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu.

▼M17

_____

▼M23

40. Douraied Ben Hamed Ben Taher BOUAOUINA

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. Sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Tuneż datata 25 ta' Ottubru 2018 fil-kawża 25421 ikkundannatu għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fil-21 ta' April 2012 is-Sur Douraied Ben Hamed Ben Taher Bouaouina nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2018, is-Sur Bouaouina kien rappreżentat minn avukat fil-kawża 25421.

▼M13

_____

▼M23

42. Ghazoua Bent Hamed Ben Taher BOUAOUINA

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. Sentenza datata 21 ta' Novembru 2022 fil-kawża 46396 ikkundannatha għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li, fl-2011, is-Sa Ghazoua Bent Hamed Ben Taher Bouaouina nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha.

▼**M17**

_____

▼**M16**

_____

▼**M23**

46. Mehdi Ben Tijani Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. Qabel mewtu, sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza ta' Tuneż datata 21 ta' Marzu 2019 fil-kawża 41328/19 ikkundannatu għal miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi.

Il-Kunsill ma sab l-ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Mehdi Ben Tijani Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali ma kinux rispettati.

▼**M13**

_____

▼**M23**

48. Sofiene Ben Habib Ben Haj Hamda BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-22 ta' Marzu 2012, is-Sur Sofiene Ben Habib Ben Haj Hamda Ben Ali nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukati tiegħu. Dan jidher ukoll mill-fatt li l-werrieta tas-Sur Sofiene Ben Habib Ben Haj Hamda Ben Ali kienu rappreżentati minn avukat fil-kawża 8803.